# KUMITAT AMMINISTRATTIV BUBAQRA
## Kunsill Lokali Żurrieq -

# MINUTI
# LAQGĦA ANNWALI

16 ta' Frar, 2016

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra tella' l-Laqgħa Annwali fis-Sala tal-Kappella ta' Santa Marija f'Bubaqra, fis-19:00 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri, il-membri Joseph D'Amato, Marilyn Sammut u Kevin Sam Farrugia.

Uffiiċċjal preżenti - Josianne Cilia Mumford Segretarju Eżekuttiv.

Kien preżenti persuna waħda biss.

## MINUTI

### 1. Introduzzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv introduċiet lill-membri tal-Kumitat Amministrattiv .

Iċ-Chairperson irringrazzja lil dak preżenti u wara li qara r-rapport amministrattiv għas-sena 2015, mehmuż talab lill-persuna preżenti bie jekk għandha xi suġġerimenti u l-ilmenti jista jressaqhom

**Kumitat Amministrattiv Bubaqra**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li hu kompost minn ħames membri - Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Sciberras, u l-Membri Joseph D'Amato, Marilyn Sammut u Kevin Sam Farrugia.

Il-Membri flimkien ma' l-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddija lilhom fi ħdan il-Kunsill kienu:

Ic-Chairperson Pierre Farrugia : Proġetti Kapitali

Il-Viċi Chairpeson Maria Schembri: Attivitajiet

Il-Membru Joseph D'Amato : Manutenzjoni tat-Toroq u Bankini

Il-Membru Marilyn Sammut - Żgħażagħ

Il-Membru Kevin Sam Farrugia – Ambjent

**Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill**

Inżammut 14 –il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra fis-sena 2015, li l-attendenza għalihom kienet:

| Isem | Prezenti | Skuzat |
|---|---|---|
| Pierre Farrugia | 14 | 0 |
| Maria Schembri | 12 | 2 |
| Joseph D'Amato | 13 | 1 |
| Marilyn Sammut | 11 | 3 |
| Kevin Sam Farrugia | 14 | 0 |

**Hidma tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra**

1. Sar il-patching fit-toroq kollha taż-żona.
2. Saru bankini ġodda jew li kellhom bżonn jinbidlu..
3. Refresh tas-sinjali kollha ta' Bubaqra, fosthom zebra crossing u tabelli.
4. Ħa ħsieb li s-sistema tat-tindif ta' knis mit-toroq tibqa kull nhar ta' Ġimgħa u Sibt..
5. Tisqija tal-pjanti u siġar li hemm fiż-żona ta' Bubaqra.
6. Qtugħ ta' ħaxix mit-toroq iktar frekwentati.
7. Żdiedu lampi ġodda kull fejn kien meħtieġ fostom fi Triq Ħal Far.
8. Apparti leaflet li jitqassam ġewwa Bubaqra, bdiet titqassam ukoll kartolina tal-Milied iffirmata mill-mebri kollha tal-Kumitat Amministrattiv.
9. Wara l-studju li sar fuq Triq Zakkarija Ronkali u l-madwar biex jitjieb it-traffic management - saret applikazzjoni mat-TM biex ikun approvat u dan ġie mplimentat.
10. Il-Kumitat Amministrattiv għal din is-sena minflok żied ornamenti oħra tal-milied, għamel żewġ ornamenti minn dawk eżisteni jaħdmu mekkanizat u sewwa l-ħsara li kienu ġarbu l-ornamenti waqt il-maltemp tas-sena l-oħra.
11. Sar riċeviment għat tfal ta' Bubaqra fejn kien hemm konkorrenza kbira. Dan sar kollu permezz ta' sponsors minħabba li riċevimenti ma jistgħux isiru mill-Kunsill/Kumitati Amministrattivi. It-tfal kollha inataw rigal żgħir.
12. Għal sena oħra l-Kumitat Amministrattiv reġgħa applika biex jieħu għajnuna ta' fondi sabiex ikun jista jerġa jtellgħa attivita' kulturali f'Bubaqra. Għal din is-sena wkoll reġgħa stieden lill-għaqdiet kollha taż-Żurrieq, fejn applikaw iż-żewġ soċjetajiet mużikali li offrew attivita' kull wieħed. Kienet magħżula l-attivita' Snajja u Artiġjanat fiż-Żurrieq bl-għajnuna tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria li ser issir fis-21 ta' Mejju, 2016 u attivita' bl-għajnuna tas-Soċjeta Mużikali li jisimha 'It-tieġ tradizzjonali Malti' li ser issir fit-30 April, jekk il-Kunsill jieħu fondi biżżejjed biex jorganizzhom.
13. Sar rapport fuq l-ilma li joqgħod fi Triq Dun Gejt Muscat k/m Triq Dun Nard Mallia
14. Saret parti minn wiċċTriq Gio Batta Riccio minn fondi tal-Gal Xlokk.

15. Tneħħew il-Bring in Site kollha minn Bubaqra u ġew installati aktar dog bins.

16. Sar xogħol ta' tindif bil-gafef, fi sqaq fi Triq it-Torri (viċin il-HOS)– dan qed jispiċċa jsir kull sena minħabba li l-ilma tax-xita jġorr ħafna materjal f'dan l-isqaq.

17. Saret mill-ġdid Triq it-Torri li x-xogħol tagħha kien jikkonsisti fi bdil ta' servizzi tad-drenaġġ, bankini ġodda u wiċċ ta' triq ġdid. B'din it-triq tista tgħid li t-toroq f'Bubaqra jinsabu kollha b'wiċċ ġdid.

18. Beda jsir xogħol fuq pubblikazzjoni ta' ktieb dwar Bubaqra.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma li għandu bżonn ritratti antiki ta' Bubaqra u jkun grat jekk ir-residenti joffru b'self ritratti antiki ħalli jkunu jistgħu jiġi ppubblikati fi ktieb li qed jaħdem fuqu ċ-Chairperson stess.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia stieden lill-persuni preżenti biex jieħdu kafe'/te' flimkien.

Din il-laqgħa ġiet fi tmiema b'dan l-item fit-8.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Marzu, 2015

| | |
|---|---|
| Pierre Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |